REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/44

tat-13 ta' Jannar 2022

li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kriterji għall-istabbiliment tal-livell tal-korrezzjonijiet finanzjarji u għall-applikazzjoni tar-rati fissi marbuta ma' nuqqas serju ta' konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 45(4) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kisba tal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) li jinsabu fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ([2]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li ma jiġux imminati mill-Istati Membri li jiksru r-regoli tal-PKS. Skont l-Artikolu 41(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-assistenza finanzjarja mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) hija taħt il-kondizzjoni ta' konformità mill-Istati Membri mar-regoli tal-PKS. In-nuqqas ta' konformità jista' jwassal għall-interruzzjoni jew għas-sospensjoni tal-pagamenti jew għall-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni skont il-PKS.

(2) L-Artikolu 104(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 ([3]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi l-każijiet li fihom il-Kummissjoni tapplika l-korrezzjonijiet finanzjarji. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 104(5) ta' dak ir-Regolament, ir-regoli speċifiċi għall-fondi għall-FEMSA jistgħu jistabbilixxu bażijiet speċifiċi għal korrezzjonijiet finanzjarji marbuta man-nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli skont il-PKS.

(3) Skont l-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) 2021/1139, sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-kontribwenti tagħha, il-Kummissjoni tista' tapplika korrezzjonijiet finanzjarji permezz tal-kanċellazzjoni totali jew parzjali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal programm operazzjonali.

(4) Skont l-Artikolu 45(3) tar-Regolament (UE) 2021/1139, meta ma jkunx possibbli li jiġi kkwantifikat preċiżament l-ammont tan-nefqa marbut ma' nuqqas serju ta' konformità mar-regoli tal-PKS mill-Istat Membru, trid tiġi applikata korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa.

(5) L-Artikolu 45(4) tar-Regolament (UE) 2021/1139 jippermetti li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw il-kriterji biex jiġi stabbilit il-livell tal-korrezzjonijiet finanzjarji li jridu jiġu applikati u l-kriterji għall-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji b'rati fissi. L-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) 2021/1139 jinkludi l-listi ta' każijiet fejn il-Kummissjoni tkun tista' timponi korrezzjonijiet finanzjarji fuq programm operazzjonali sħiħ jew parti minnu. F'każijiet koperti bil-punt (a) tal-Artikolu 45(1), il-kwantifikazzjoni tal-impatt finanzjarju tan-nuqqas ta' konformità mill-benefiċjarju hija bbażata fuq il-ftehim ta' finanzjament bejn il-benefiċjarju u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm FEMSA. Konsegwentement, l-applikazzjoni ta' rati fissi għal korrezzjonijiet finanzjarji jistgħu jiġu applikati biss fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 45(1)(b) tar-Regolament (UE) 2021/1139.

([1]) ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

(6) Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jiġu adottati l-kriterji biex jiġi stabbilit il-livell ta' korrezzjonijiet finanzjarji li jridu jiġu applikati u l-kriterji għall-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet b'rata fissa. Dan se jiżgura ċ-ċertezza ġuridika u t-trattament indaqs tal-Istati Membri li jimplimentaw il-programmi FEMSA, kif ukoll se jiżgura t-trasparenza u l-proporzjonalità tal-korrezzjonijiet finanzjarji b'rata fissa.

(7) Il-livell tal-korrezzjoni finanzjarja għandha tkun proporzjonata fir-rigward tan-natura, tal-gravità, tal-frekwenza u tad-durata tan-nuqqas serju ta' konformità mill-Istati Membri mar-regoli tal-PKS.

(8) Huwa xieraq li tiġi prevista sistema gradwata ta' rati fissi li tippermetti l-applikazzjoni xierqa tal-proporzjonalità.

(9) Minħabba l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm trattament armonizzat u indaqs bejn l-Istati Membri kollha mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji biex jiġu stabbiliti l-livelli ta' korrezzjoni finanzjarja li trid tiġi applikata f'każijiet ta' nuqqas serju ta' konformità mar-regoli tal-PKS u l-kriterji għall-applikazzjoni tar-rati fissi, kif imsemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2021/1139.

Artikolu 2

Kriterji biex jiġu stabbiliti l-livelli ta' korrezzjoni finanzjarja

Il-livelli ta' korrezzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 45(1)(b) tar-Regolament (UE) 2021/1139 għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-kriterji li ġejjin:

(a) is-sinifikanza tal-ħsara potenzjali għar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar li tirriżulta min-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS;

(b) il-frekwenza tan-nuqqas ta' konformità;

(c) id-durata tan-nuqqas ta' konformità;

(d) l-azzjonijiet ta' rimedju meħuda mill-Istat Membru inkwistjoni.

Artikolu 3

Kriterji għall-applikazzjoni tar-rati fissi

1. Ir-rati fissi tal-korrezzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 45(3) tar-Regolament (UE) 2021/1139 għandhom ikunu ta' 2 %, 5 %, 10 %, 25 %, 50 % jew 100 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni allokata għall-objettivi speċifiċi rilevanti tal-FEMSA, jew għall-parti rilevanti ta' dawk l-objettivi, fi ħdan il-programm operazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

2. Il-firxa ta' rati fissi li jridu jiġu applikati f'każijiet individwali ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS hija stabbilita fl-Anness. Ir-rata li trid tintuża għandha tiġi determinata f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2.

3. Fejn, skont l-Artikolu 45(1)(b) tar-Regolament (UE) 2021/1139, il-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni fejn tagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji skont l-istess objettiv speċifiku tal-FEMSA għal diversi każijiet ta' nuqqas serju ta' konformità kif identifikat f'konformità mal-Artikolu 43(4) tal-istess Regolament, ir-rati fissi ma għandhomx jiġu akkumulati, iżda l-korrezzjoni finanzjarja għandha tiġi stabbiliti fi ħdan l-għola firxa applikabbli għal dawk il-każijiet kif stabbilit fl-Anness.

4. Meta l-Kummissjoni tapplika korrezzjoni finanzjarja għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS u l-Istat Membru ma jkunx ħa azzjoni ta' rimedju xierqa, ir-rata fissa tista' tiżdied għal-livell ogħla li jkun imiss fil-firxa applikabbli għal dak il-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS.

5. Minbarra l-każijiet previsti b'mod espliċitu fl-Anness, rata fissa ta' 100 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni allokata għall-objettivi speċifiċi rilevanti tal-FEMSA, jew il-parti rilevanti ta' dawk l-objettivi, fi ħdan il-programm operazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat tista' tiġi applikata jekk:

(a) in-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS tant ikun fundamentali, frekwenti jew mifrux li jirrappreżenta falliment assolut tas-sistema konċernata u jpoġġi f'riskju l-legalità tal-azzjonijiet tal-Istat Membru jew ir-regolarità tal-iffinanzjar tal-PKS; jew

(b) ikun hemm evidenza ta' negliġenza intenzjonata mill-Istat Membru fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri li jimmiraw li jirrimedjaw in-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Jannar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

KAŻIJIET TA' NUQQAS TA' KONFORMITÀ MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1 [1]

	Każijiet ta' nuqqas ta' konformità	Firxa ta' rati fissi
Kategorija 1: Ma ġiex żgurat li l-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Istati Membri skont l-Artikoli 16–17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jiġu rispettati		
1.1	Ma ġewx rispettati r-regoli dwar il-liċenzja u l-awtorizzazzjoni tas-sajd	10–50 %
1.2	Ma ġiex immonitorjat l-użu tal-opportunitajiet tas-sajd, b'mod partikolari billi ma ġietx irrekordjata d-*data* kollha rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd, fid-dikjarazzjonijiet tat-trasbord, fid-dikjarazzjonijiet tal-iżbark, fin-noti tal-bejgħ, jew fid-dikjarazzjonijiet ta' kunsinna, u/jew ma ġiex immonitorjat l-isforz tas-sajd, u billi ma ġiex żgurat li din id-*data* tkun preċiża, kompluta u ppreżentata f'waqtha.	10–50 %
1.3	Il-Kummissjoni ma ġietx innotifikata bid-*data* aggregata dwar il-qabdiet li nħattu u l-isforz tas-sajd.	10–50 %
1.4	Is-sajd ma ngħalaqx meta l-kwoti, inklużi dawk skont il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs) u l-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u/jew l-isforz tas-sajd ġew eżawriti	10–50 %
Kategorija 2: Ma ġewx irrispettati l-miżuri ta' konservazzjoni u/jew il-protezzjoni ta' speċi u ħabitats sensittivi bil-għan li jintlaħqu l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura ambjentalment sostenibbli fit-tul kif stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013		
2.1	Ma ġietx żgurata d-dokumentazzjoni dettaljata u preċiża ta' kull vjaġġ tas-sajd u l-kapaċità u l-mezzi xierqa sabiex tiġi mmonitorjata l-konformità mal-obbligu ta' ħatt l-art f'konformità mal-prinċipju tal-effiċjenza u tal-proporzjonalità	10–50 %
2.2	Ma ġewx implimentati l-projbizzjoni tal-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord jew ħatt l-art ta' speċijiet ta' ħut jew frott tal-baħar bil-qoxra msemmija fl-Anness IV għad-Direttiva 92/43/KEE (ħlief meta jingħataw derogi skont l-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva).	10–50 %
2.3	Ma ġewx implimentati l-projbizzjoni tal-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord jew ħatt l-art ta' mammiferi tal-baħar jew rettili tal-baħar imsemmija fl-Annessi II u IV għad-Direttiva 92/43/KEE u ta' speċijiet ta' għasafar tal-baħar koperti bid-Direttiva 2009/147/KE.	10–50 %
2.4	Ma nġabritx *data* xjentifika dwar il-qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensittivi u ta' ċerti speċijiet ta' għasafar tal-baħar.	10–50 %
2.5	Meta, f'konformità mal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, kellha tiġi mmonitorjata u evalwata l-effettività tal-miżuri ta' mitigazzjoni implimentati, dan ma sarx.	10–50 %
2.6	Ma ġiex ipprojbit l-użu ta' rkapti tas-sajd speċifikati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/1241 dwar il-Miżuri Tekniċi sabiex jiġu protetti l-ħabitats sensittivi.	10–50 %
2.7	Ma ġewx rispettati r-regoli dwar ir-riċerka xjentifika.	10–50 %
2.8	Ma ġewx stabbiliti u implimentati l-pjanijiet ta' ġestjoni tas-sallura.	2–25 %
2.9	Ma ġewx irrispettati l-miżuri ta' konservazzjoni dwar is-sallura (it-tnaqqis tal-isforz tas-sajd fejn applikabbli u l-ksib tal-miri).	2–25 %

[1] Il-lista tal-każijiet elenkati hawn taħt hija l-istess lista tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jimplimenta r-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura dwar każijiet ta' nuqqas ta' konformità u każijiet serji ta' nuqqas ta' konformità mal-politika komuni tas-sajd li jistgħu jwasslu għal interruzzjoni ta' skadenza tal-pagamenti jew ta' sospensjoni tal-pagamenti fil-qafas ta' dak il-fond, fejn tkun disponibbli referenza għall-bażi ġuridika rilevanti.

2.10	Ma wasal ebda rapport lill-Kummissjoni rigward il-monitoraġġ, l-effikaċja u l-eżitu tal-miżuri ta' konservazzjoni rigward is-sallura.	2–25 %
2.11	Ma ġiex sottomess lill-Kummissjoni rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-regoli fir-rigward tat-tneħħija tal-pinen tal-kelb il-baħar.	2–25 %

Kategorija 3: Ma tmexxewx relazzjonijiet esterni dwar is-sajd f'konformità mal-obbligi internazzjonali kif ukoll mal-objettivi u l-prinċipji politiċi kif stabbiliti fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013

3.1	Ma ġiex żgurat li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri u joperaw barra mill-ilmijiet tal-Unjoni ikunu f'pożizzjoni li jipprovdu dokumentazzjoni dettaljata u preċiża tal-attivitajiet kollha tas-sajd u tal-ipproċessar.	10–50 %
3.2	Ma ġiex żgurat li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni barra l-ilmijiet tal-Unjoni huma awtorizzati f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2017/2403 dwar il-Ġestjoni Sostenibbli ta' Flotot tas-Sajd Esterni.	10–50 %

Kategorija 4: Ma ġiex żgurat li l-kapaċità tas-sajd tal-flotot hija f'bilanċ mar-riżorsi naturali kif meħtieġ mill-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013

4.1	Ma ġewx stabbiliti miżuri biex tiġi aġġustata l-kapaċità tas-sajd tal-flotot għall-opportunitajiet tas-sajd huma u jitqiesu x-xejriet u l-aħjar parir xjentifiku, bl-objettiv li jinkiseb bilanċ stabbli u dejjiem bejniethom.	10–50 %
4.2	Ma tfasslux valutazzjonijiet separati għal flotot fir-reġjuni ultraperiferiċi u għall-bastimenti li joperaw esklużivament barra mill-ilmijiet tal-Unjoni.	10–50 %
4.3	Ma ġiex żgurat li kwalunkwe ħruġ mill-flotta sostnut minn għajnuna pubblika jkun preċedut mill-irtirar tal-liċenzja tas-sajd u tal-awtorizzazzjonijiet rispettivi u li l-kapaċità tas-sajd ma tiġix sostitwita.	10–50 %
4.4	Ma ġiex żgurat ir-rispett tal-limiti massimi ta' kapaċità tas-sajd stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament tal-PKS (UE) Nru 1380/2013.	10–50 %
4.5	Ma ġietx implimentata l-iskema ta' dħul/ħruġ b'tali mod li d-dħul fil-flotta ta' kapaċità ġdida mingħajr għajnuna pubblika jiġi kkumpensat bl-irtirar preċedenti ta' kapaċità mingħajr għajnuna pubblika b'tal-inqas l-istess ammont.	10–50 %
4.6	Ma ġietx sottomessa lill-Kummissjoni l-informazzjoni li trid tiġi rreġistrata fir-reġistru tal-bastimenti tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 24(1) tar-Regolament PKS (UE) Nru 1380/2013 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni.	10–50 %
4.7	Ma ġewx ikkontrollati u mmonitorjati l-kapaċità tas-sajd u l-qawwa tal-magna tal-bastimenti tas-sajd.	10–50 %

Kategorija 5: Ma kienx hemm kontribut għall-objettiv tal-PKS biex tingħabar *data* xjentifika kif stabbilit fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013

5.1	Ma nġabritx u lanqas ġiet ġestita *data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika.	10–50 %
5.2	Ma ġewx ikkoordinati l-attivitajiet ta' ġbir ta' *data* ma' Stati Membri oħra fl-istess reġjuni.	2–25 %
5.3	Ma ġietx żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-kompiti tal-korrispondenti nazzjonali.	2–5 %
5.4	Ma ġiex sottomess rapport fuq bażi annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali għall-ġbir ta' *data* fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura.	2–10 %
5.5	Ma kienx hemm konformità mar-regoli dwar l-użu tad-*data*.	2–25 %

Kategorija 6: Ma ġietx operata sistema effettiva ta' kontroll sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-PKS kif jitlob l-Artikolu 36(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013		
6.1	Ma sarx kontroll tal-attivitajiet li jitwettqu minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd fit-territorju tagħhom u fl-ilmijiet taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tagħhom.	10–50 %
6.2	Ma sarx kontroll tal-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u l-attivitajiet 'il barra mill-ilmijiet tal-Unjoni li jsiru minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li qed itajru l-bandiera tagħhom.	10–50 %
6.3	Ma ġewx adottati miżuri adatti u jiġu allokati riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi adatti għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar.	10–50 %
6.4	Ma ġiex żgurat li l-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar jitwettqu fuq bażi mhux diskriminatorja f'dak li għandu x'jaqsam ma' setturi, bastimenti jew persuni, u abbażi tal-ġestjoni tar-riskju.	10–50 %
6.5	Ma ġietx żgurata l-konformità mar-regoli fir-rigward tal-Programmi ta' Azzjoni Nazzjonali, u l-programmi ta' kontroll u ta' spezzjoni stabbiliti mill-Kummissjoni.	10–50 %
6.6	Ma ġietx żgurata l-konformità mar-regoli għall-kummerċjalizzazzjoni, it-traċċabbiltà, l-ewwel bejgħ u l-użin ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.	10–50 %
6.7	Ma ġewx implimentati l-miżuri deċiżi mill-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-konformità mill-Istati Membri mal-objettivi tal-PKS, fir-rigward tal-pjanijiet ta' azzjoni stabbiliti wara l-verifiki jew spezzjonijiet awtonomi, inklużi l-għeluq tas-sajd, il-verifikazzjoni, l-ispezzjoni awtonoma u r-rapporti tal-awditjar, it-tnaqqis u t-trasferimenti tal-kwoti u tal-isforz tas-sajd u l-miżuri ta' emerġenza.	10–50 %
6.8	Ma ġewx issodisfati r-rekwiżiti fir-rigward tal-analiżi, il-validazzjoni, l-aċċess, l-iskambju tad-*data* u tal-informazzjoni.	2–25 %

Kategorija 7: Ma ġietx operata sistema effettiva ta' spezzjoni u ta' infurzar kif jitlob l-Artikolu 36(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013		
7.1	Ma twettqux sorveljanza u spezzjonijiet effettivi.	10–50 %
7.2	Ma kienx hemm kooperazzjoni mal-Kummissjoni sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq tal-kompiti tal-uffiċjali tal-Kummissjoni waqt il-missjonijiet tagħhom ta' verifikazzjoni, spezzjonijiet awtonomi u awditjar.	2–50 %
7.3	Ma ġewx stabbiliti l-kriterji biex tiġi ddeterminata l-gravità tal-ksur tar-regoli tal-PKS.	10–50 %
7.4	Ma ġietx żgurata l-adozzjoni sistematika ta' miżuri xierqa u ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi u sanzjonijiet komplementari għall-ksur tar-regoli tal-PKS.	10–50 %
7.5	Ma ġietx applikata s-sistema ta' punti għal infrazzjonijiet serji għad-detenturi ta' liċenzji tas-sajd kif ukoll għall-kaptani.	10–50 %
7.6	Ma ġiex ġestit ir-reġistru nazzjonali tal-infrazzjonijiet.	10–50 %

Kategorija 8: Ma ttieħdet ebda azzjoni kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) kif previst fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013		
8.1	Ma ttieħdux miżuri biex jiġi żgurat li s-sajd IUU jiġi prevenut, skoraġġut u eliminat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1005/2008	5–50 %
8.2	Ma twettqux verifiki relatati mal-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qabda	10–50 %
8.3	Ma ġewx rispettati r-regoli relatati mal-Operaturi Ekonomiċi Approvati (AEOPs)	10–50 %

Kategorija 9: Ma ġewx rispettati r-regoli dwar organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura stabbiliti sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi tal-PKS kif stabbilit fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013		
9.1	Ma kienx hemm konformità mal-kriterji għar-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali	10–50 %
9.2	Ma twettqux il-kontrolli meħtieġa rigward l-organizzazzjonijiet kollettivi rikonoxxuti.	10–50 %